**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta Collisions**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Pacifico Zammit**

**Illum, 28 ta' Settembru, 2021**

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet mahruga kontra Pacifico Zammit, detentur tal-karta tal-identità numru 206050M, li permezz taghhom gie akkuzat talli fit-22 ta' Novembru 2014, ghall-habta ta' 15:50hrs fi Triq tal-Labour, Zabbar, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAN 783,

1. *b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Zammit skont kif iccertifika Dr David Grima MD mill-MDH;*
2. *B' aktar billi b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-*

*vettura numru FCD 873 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Stephen Cutajar;*

3. *Kif ukoll saq l-imsemmija vettura b' manjiera traskurata;*
4. *Talli saq l-imsemmija vettura b' manjiera perikoluza.*

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-atti tal-kawza fl-ismijiet, Pulizija vs Glenn Cutajar.

**Ikkunsidrat:**

Bhala provi, tressqu s-segwenti:

**PS 624 K Mallia** xehed permezz ta' affidavit, fejn spjega li fit-22 ta' Novembru 2014, ghal habta tal-16.00hrs, gie nfurmat li kien sehh incident fi Triq il-Labour, Haz Zabbar, fejn kien hemm mara mwegga' gravi. Spjega li minn osservazzjoni fuq il-post, irrizulta li kien hemm vann tal-ghamla Maruti ta' kulur griz, bin-numru ta' registrazzjoni AAN783, li garrab hsarat estensivi, fuq il-karreggjata direzzjoni lejn Bormla, li kien qieghed ihares lejn id-direzzjoni opposta, wara tieghu jmiss ma' arblu ta' *zebra crossing*. Spjega ftit boghod, u cioè madwar 12-il metru mill-vettura imsemmija, kien hemm wahda mill-vittmi, li minn stharrig, irrizulta li kienet riekba bhala passiggiera fl-imsemmi vann, u li kienet tinsab wiccha 'l isfel f'ghadira demm. Spjega li l-vittma kienet qed tiehu nifs, izda ma kinitx konxja. Spjega li l-vettura l-ohra nvoluta fl-incident, kienet vettura tal-ghamla Volkswagen griza, bin-numru ta' registrazzjoni FCD873, li kienet madwar 70 metru 'l boghod mill-vettura msemmija, u mahbuta f'vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni SFD 225, li dak il-hin kienet

ipparkjata fuq il-post. Sostna li gie nnutat li mill-punt tal-impatt sa fejn waqfet il-vettura FCD 873, madwar 80 metru boghod, kien hemm *tyre marks* kontinwi.

Spjega li sussegwentement, gew membri mill-iskwadra tal-RIU u zewg ambulanzi, li hadu lil Maria u Pacifico Zammit, li huwa x-xufier tal-vettura AAN 783, gewwa l-isptar. It-triq giet maghluqa ghat-traffiku. Spjega li kienet infethet inkjesta magisterjali dwar l-incident, u nhatru varji esperti. Spjega li Maria Zammit kienet fil-periklu tal-mewt. Spjega li fuq il-post tal-incident, gie mitkellem Glenn Cutajar, li qal li huwa kien qed isuq gewwa Vjal il-Labour, Zabbar, direzzjoni lejn Bormla, meta hareg van bir-*reverse* minn go sqaq. Qal li huwa habat go wara tieghu u infethulu l-*airbags*. Spjega li minn hemm, ma jafx iktar x'gara. Gie mitkellem hu Glenn, certu Clive Cutajar, li spjega li huwa kien qieghed fil-pompa tal-petrol gewwa Triq il-Mina ta' Hompesch, Zabbar, u hareg, mentri huh Glenn, kien qed isuq warajh, peress li kienu sejrin jahslu l-karozza fil-pompa tal-petrol ta' hdejn Montebello, f'Bir id-Deheb. Spjega li hekk kif kienu ghaddejjin minn Triq il-Labour, hin minnhom huwa hares fil-mera, u ra l-vettura ta' huh qisha ha tahbat fuq in-naha l-ohra tat-triq, u minn hemm tkaxkar ghan-naha l-ohra u habat. Spjega li huwa dawwar lura mar-roundabout, u mar jara xi gralu.

Kompla jghid li minn osservazzjoni ulterjuri fuq il-post, irrizulta li kien hemm zewg CCTV cameras, li setghu jghinu l-investigazzjoni. Il-vetturi nvoluti tnehhew ghal habta ta' 19.30hrs minn fuq il-post. Spjega li iktar tard gew infurmati, li Pacifico Zammit kien qed isofri minn griehi gravi, mentri Mary Zammit kienet ghadha fil-periklu tal-mewt. Spjega li fit-30 ta' Jannar 2015, gie mitkellem Anthony Brignone, li qal l-insurances tal-partijiet, u cioè ta' Glenn Cutajar u ta' Pacifico Zammit, ma kinux qablu dwar min kellu tort f'dan l-incident, u ghalhekk, kien beda jsewwi l-hsarat minn butu. Spjega li l-Pulizija setghet tinnota li l-hsara fir-rota ta' wara tan-naha tax-xellug, kienet giet imsewwija, però d-daqqa fuq il-*mudguard* kienet ghadha hemm.

Fir-rapport ta' dan l-incident ezebit a fol 22 fl-atti tal-process fl-ismijiet Pulizija vs Glenn Cutajar, giet imnizzla l-verzjoni moghtija minn Pacifico Zammit fit-23 ta' Novembru 2014, fejn dan stqarr li kien ipparkjat quddiem xatba u hdejn *zebra crossing* fi Triq il-Labour, Haz Zabbar, faccata ta' Sqaq Berqi. Sostna li huwa ccekkja jekk kienux gejjin karozzi, u ma ra ebda karozza. Sostna li beda jirriversja biex jaqsam it-triq u jidhol fi Sqaq Berqi, izda xhin kien qabez nofs it-triq, hass daqqa fuq wara tal-vann. Spjega li l-vann dar diversi drabi, u ma jafx x'gara iktar, hlief li hareg wahdu mill-van, u ra il-mara mal-art.

**L-eks Spettur Said Sarreo** xehed li fit-22 ta' Novembru 2014, kien stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar meta ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar, gew infurmati li kien sehh incident stradali fi Triq tal-Labour, Haz Zabbar, u kien hemm xi persuni feruti. Spjega li huwa mar fuq il-post u nnota vann Maruti, li kien wieqaf f'nofs ta' triq, li kellhu hsarat estensivi. Ix-xufier u l-passiggiera ta' dan il-vann ittiehdu l-isptar permezz ta' ambulanza. Spjega li kien hemm vettura ohra tal-marka Volkswagen, li kienet ipparkjata diversi metri 'l boghod mill-vann. Spjega li l-passiggiera tal-van Maruti kienet fil-periklu tal-mewt u nfethet inkjesta.

In kontroezami, huwa spjega li kien mar fuq is-sit. Spjega li l-vann kien fuq il-karreggjata tan-naha li sejra lejn Bormla, izda wiccu kien bil-kontra. Spjega li l-vann spicca ha tidwira sew, u spicca wiccu bil-kontra kwazi. Spjega li l-pozizzjoni li kien jinsab fiha l-vann, ma kinitx necessarjament id-direzzjoni li kien gej minnha dan il-vann. Spjega li mill-informazzjoni li kellu, irrizulta li l-vann kien hiereg minn triq/sqaq fil-genb bir-reverse, u l-karozza misjuqa minn Glenn Cutajar kienet gejja min-naha tal-Fgura sejra lejn Bormla, fejn din dahlet u laqtet il-vann minn wara. Spjega li dan l-isqaq kien fuq in-naha tax-xellug ta' triq, inti u sejjer lejn Bormla.

Spjega li huwa mar fuq il-post tal-incident wara li kien già sehh l-incident. Irrizulta li mill-investigazzjonijiet li saru, li l-vann kien hiereg bir-reverse minn dan l-isqaq. Ikkonferma li t-triq li fiha sehh l-incident, hija wahda dritta, u hija *main road*. Spjega li l-vann kellu *seats* fuq quddiem u *seat* fuq wara. Spjega li huwa ma jafx fejn kienet bilqeghda Maria Zammit waqt il-hin tal-incident peress li meta wasal fuq il-post, din kienet già ttiehdet Mater Dei.

**Maria Zammit** xehdet li hija kienet fil-vann Maruti, u kienet bilqeghda fuq wara fin-nofs. Spjegat li kienu ser jinzlu fil-garaxx bil-vann. Spjegat li zewgha kien qed isuq il-vann. Sostniet li zewgha kien qed isuq bil-galbu. Spjegat li hija ghandha punti f'rasha, u ma tistax iccaqlaq fuq in-naha ta' lemin ta' wara minn rasha sa spallejha. Qalet li l-ugigh jibqa' nizel s'isfel. Damet xahar u nofs fl-ITU. Hija timxi bil-bastun kagun ta' dan l-incident.

In kontroezami, hija kkonfermat li t-triq fejn sehh l-incident, hija dritta. Ikkonfermat li hemm sqaq naha u sqaq naha ohra, u l-isqaq taghhom huwa idjaq mill-isqaq l-iehor. Ikkonfermat li huma kienu dehlin gol-isqaq id-dejjaq fejn ghandhom garaxx. Qalet li zewgha kien qed isuq bir-*reverse*. Ikkonfermat li kien hemm *zebra crossing*.

Hija spjegat li kienu marru jixtru affarijiet tad-dar qabel l-incident. Hija poggiet wara ghax kellha l-affarijiet li xtrat, u qaghdet izzommhom wara. Spjegat li fuq wara, ma kienx hemm *seatbelt*.

**Tania Brignone** spjegat li Anthony Brignone mhuwiex f'kundizzjoni li jattendi l-Qorti. Spjegat li kien gie ragel jinfurmaha li kien sehh incident fit-triq. Spjegat li vettura kienet dahlet gol-karozza tar-ragel taghha, u l-hsara kienet fuq wara mal-genb. Sostniet li l-ispejjez ta' dawn il-hsarat kienu jammontaw ghal madwar €800. Spjegat li hija taf li kien sewwa ghand xi hadd Frankit, izda ma tiftakax li sewwa ghand Spiro Deguara. Spjegat li ma tiftakarx meta sehh dan l-incident, izda kien ghal habta ta' wara nofsinhar fi Triq il-Labour, Haz Zabbar. Spjegat li r-ragel, ma thallas minghand hadd.

In kontroezami, hija sostniet li l-incident ma ratux isehh. Spjegat li hija rat vettura mahbuta gol-karozza taghhom, u vann f'nofs ta' triq.

**Spiridione Deguara** kkonferma l-ircevuta mahruga minnu a fol 3 tal-process tal-kawza, Pulizija vs Glenn Cutajar. Spjega li huwa *panel beater,* u hareg l-ircevuta hu stess. Ikkonferma li huwa thallas dak l-ammont indikat, u li kien gie nkarigat minn sid il-vettura.

In kontroezami, huwa sostna li t-tiswija saret u thallas, ghaliex kieku ma kienx johrog l-ircevuta.

**Jacquelina Stafrace** xehdet li d-dokumenti a fol 2 tal-process fl-ismijiet, Pulizija vs Glenn Cutajar, huma rcevuti mahruga mill-kumpanja taghhom. Spjegat li dan kien ha rim tat-RVR (karozza) b'total ta' €70.

**Walter Vella** spjega li huwa jahdem ma' Argus Insurance bhala surveyor. Huwa gie nkarigat jara l-vettura ta' ghamla Maruti Omni, bin-numru ta' registrazzjoni AAN 783. Spjega li l-hsarat kienu estensivi fuq wara, u huwa kien raha gewwa l-Police Compound. Huwa sostna li pprepara rapport, li minnu rrizulta li l-vettura kienet *beyond repair*.

**Stephen Cutajar** xehed li skont is-*Surveyor's Report*, il-vettura Volkswagen Polo FCD 873, giet *total loss*. Spjega li ghadu ma sar xejn u ghadu ma thallasx tal-hsarat ta' din il-vettura. Spjega li l-vettura ghadha mizmuma gol-garaxx u ma tistax tintuza. Qal li mhux huwa kien qed isuq il-vettura dakinhar tal-incident.

Spjega li ghadu ma sar l-ebda hlas ghaliex il-*claim* tal-insurance ghadha pendenti.

**John Callus** xehed li huwa ntalab imur jara vettura gewwa l-Police Compound u pprezenta *Survey Report*. Sostna li f'dan ir-*Report*, hemm imnizzel biss il-hlas dovut ghal xogholijiet, stante li l-*parts* jinxtraw mill-ufficju tas-socjetà tal-assigurazzjoni. Spjega li huwa ma jidholx fuq kemm jiswew il-*parts*. Spjega li huwa kien jahdem dak iz-zmien li ghamel dan ir-rapport, ma' Argus Insurance. Spjega li fir-rapport hemm lista ta' *parts,* u kull fejn hemm imnizzel "R" ifisser "*replaced*". Spjega li meta tara li karozza hargulha l-*airbags*, mal-ewwel tinduna li *beyond economical repair*.

**Pacifico Zammit** xehed li huwa kien wassal lill-mara biex tixtri minn Marsascala u kienu gew lura. Spjega li kienu fi Triq il-Labour, Haz Zabbar, u kien sejjer direzzjoni lejn Bormla. Spjega li l-vettura tieghu kienet Maruti. Huwa kien sejjer lejn id-direzzjoni ta' Bormla, u hu joqghod f'nofs dik it-Triq Labour, fejn hemm sqaq. Spjega li l-isqaq kien fuq in-naha tal-lemin tieghu jekk ikun sejjer fid-direzzjoni ta' Bormla. Spjega li huwa ipparkja ghax hemm bicca 'l barra fejn hemm il-*lights*, u cioè ipparkja man-naha tax-xellug tat-triq fejn hemm l-isqaq tieghu. Kompla jghid li ra jekk humiex gejjin karozzi minn wara u minn quddiem biex jidhol gol-isqaq. Spjega li martu kienet fuq wara fin-nofs, peress li hemm *seat* wiehed fuq wara. Spjega li huwa hares biex jara humiex gejjin vetturi u rriversja biex jidhol. Spjega li peress li l-isqaq huwa dejjaq, hemmhekk ma jistax jidhol bil-quddiem u jdawwar. Ghalhekk jidhol b'lura biex jerga' johrog bil-quddiem. Spjega li l-isqaq jismu Berqi.

Spjega li meta kien kwazi wasal biex jidhol fl-isqaq, u cioè kien digà qabez nofs it-triq, u kien fil-karreggjata tal-karozzi li gejjin min-naha ta' Bormla, f'daqqa wahda jhoss daqqa kbira, idur bil-vann, u jsib ruhu n-naha l-ohra mal-*lights*, jigifieri man-naha tax-xellug tat-triq. Qal li mbaghad, lanqas jaf x'gara ghaliex hareg mill-vann, nehha c-cinturin u ra l-mara f'nofs it-triq, naqra 'l quddiem mil-*lights* lejn Bormla. Spjega li fuq wara ma kienx hemm *seat belt*. Spjega li martu poggiet wara ghaliex kellha l-affarijiet li xtrat fejnha. Ikkonferma li l-hin tal-incident kien qisu l-erbgha u nofs ta' wara nofs inhar. Sostna li huwa ma jafx ezattament min habat mieghu.

Qal li huwa kellu qsim fuq ghajnejh, imniehru u daqqa fil-kustilji. Spjega li hadd ma gie jkellmu li habat mieghu. Spjega li mbaghad, ittiehdu l-isptar bl-ambulanza. Sostna li huwa ma rax il-vettura li kienet habtet mieghu ghax min kien, baqa' sejjer, u mar hafna 'l boghod.

Ikkonferma li mal-habta, il-vann gie mal-bankina, mal-*lights*. Sostna li l-vann intlaqat min-naha ta' wara. Meta hass id-daqqa fuq in-naha ta' wara tal-vann, huwa kien digà qieghed fuq il-karreggjata fin-naha tal-lemin, int u sejjer lejn Bormla. Spjega li huwa hass id-daqqa gejja minn naha ta' Bormla ghax kieku l-vann ma kienx jigi mitfugh fejn il-*lights*, izda kienet tigi mitfugha n-naha l-ohra. Sostna li meta ghamel il-manuvra ta' *reverse*, huwa ma ra l-ebda vetturi gejjin minn naha ta' Bormla. Huwa ma ra l-ebda vettura gejja mill-ebda wahda mill-karreggjati. Ikkonferma li hu u martu ttiehdu l-isptar b'ambulanzi separate, u li dak il-hin, ma qaghadx jara l-vann kif kien.

In kontroezami, huwa sostna li hadd ma kellmu wara li sehh l-incident. Ikkonferma li jekk tkun fil-karreggjata normali direzzjoni lejn Bormla, dan l-isqaq ikun fuq in-naha tal-lemin. Ikkonferma li kieku ried jidhol bil-quddiem gewwa l-isqaq, huwa ried jikser lejn il-lemin. Ikkonferma li huwa ma ghamilx kisra lejn il-lemin, izda peress li huwa sqaq dejjaq, irriversja ghal go dan l-isqaq. Spjega li huwa biex jidhol fl-isqaq, kellu bilfors jigi *horizontal* mal-karreggjata d-dritta, u jaqsam it-triq. Ikkonferma li huwa kien f'din il-pozizzjoni orizzontli ghall-kuntrarju mal-bqija tal-karrggjata tat-traffiku li trid tkun vertikali, direzzjoni lejn Bormla. Sostna li huwa kien già qasam nofs it-triq. Spjega li d-daqqa sehhet fuq wara tal-vann, fil-pilastru ta' wara fuq in-naha tal-passiggier. Ikkonferma li d-daqqa sehhet fil-kantuniera tan-naha ta' wara tal-passiggier. Spjega li huwa kien già qabez in-nofs tat-triq, u cioè li huwa kien fil-karreggjata l-ohra gej minn ta' Bormla. Huwa cahad li l-vann kienet nofsha fuq karreggjata u nofsha fuq karreggjata ohra fil-hin tal-incident.

**Glenn Cutajar** xehed li huwa kien gej minn Haz-Zabbar, direzzjoni lejn Bormla. Kien hemm huh f'karozza quddiemu, fis-sens li kien hemm qisu hames karozzi differenza bejniethom bhala tul. Spjega li kien sejjer ma' huh jahslu l-karozzi z-Zejtun. Spjega li t-triq fejn sehh l-incident, hija Labour Road. Spjega li f'daqqa hareg vann minn go *side street* bir-*reverse*, u pprova jiskapulah ghaliex kellu vizjoni cara quddiemu. Spjega li l-karozzi missew ma' xulxin u nfethu l-*airbags* tal-karozza tieghu, u ma baqax jara. Spjega li l-*air bags* ghattewlu l-vizjoni tieghu. Spjega li l-karozza l-ohra kienet go *side street* biex tidhol ghal Sqaq Berqi. Spjega li din il-vettura kienet f'pozizzjoni orizzontali sabiex taqsam it-triq u tibqa' diehla bir-*reverse*

ghal gol-isqaq. Spjega li fuq in-naha tax-xellug int u ssuq lejn Bormla, hemm triq jew sqaq. Spjega li s-sewwieq dahal bil-quddiem go dan il-passagg zghir, biex imbaghad jaqsam bir-*reverse* ghal gol-Isqaq Berqi.

Spjega li l-vann ta' Pacifico Zammit kien wiccu 'l gewwa go din id-dahla, fejn fiha hemm xi djar u xi mekkanik, u liema dahla tigi faccata tal-Isqaq Berqi. Sostna li Zammit kien ser jidhol bir-*reverse* go Sqaq Berqi. Spjega li d-daqqa fil-karozza tieghu kienet in-naha ta' quddiem tal-passiggier, u tal-vann kienet fuq wara tal-passiggier. Spjega li huwa pprova jiskapulah billi peress li ma kinitx gejja vettura ohra, prova jmur fil-karreggjata l-ohra biex jevitah. Sostna li bhala velocità, huwa kien qed isuq b'mod dicenti, izda ma kienx qed ihares lejn l-arlogg biex jara. Spjega li dik kienet triq *busy,* u peress li hemm il-hwienet u karozzi pparkjati, trid toqghod attent. Spjega li huwa ma kellu l-ebda ghagla partikolari dakinhar.

Insista li xhin infethu l-*airbags*, huwa ma baqa' jara xejn. Spjega li dawn hargu quddiem wiccu. Spjega li nfethu kemm l-*airbags* tal-passiggier, u kif ukoll l-*airbags* tax-xufier.

In kontroezami, huwa spjega li ma kienx hemm vetturi ohra quddiemu, apparti l-vettura misjuqa minn huh. z Sostna li hu u huh iddecidew li jmorru jahslu l-karozzi gewwa z-Zejtun, u jehduha bhala *drive.* Sostna li huwa familjari ma' din it-triq ghaliex anke bil-mixi jghaddi minn hemm, peress li ma joqghodx hafna 'l boghod minn hemmhekk. Ikkonferma li dik it-triq kienu ghadhom kif jaghmlulha t-tarmac. Spjega li huwa dilettant tal-karozzi u jhobb imur dawra biha. Huwa cahad li kien qed jaghmel tellieqa ma' huh. Sostna li huwa lanqas kien mohhu f'huh, u in fatti ma kienx mohhu biex jilhaq lil huh. Spjega li huwa ma jafx jekk ghafasx il-*brake* meta hareg il-van.

Sosnta li l-karozza tieghu waqfet 'il boghod mill-vann. Il-karozza tieghu waqfet ghax habtet ma' vettura pparkjata. Ikkonferma li dik il-vettura pparkjata, kienet fejn il-hanut tal-gugarelli li hemm f'dik it-triq. Huwa sostna li xhin kien ghaddej fit-triq tieghu, is-sewwieq l-iehor qabad u hareg il-van, bil-konsegwenza li ma jafx x'gara iktar. Sostna li huwa lanqas jaf jekk ghafasx il-*brake* jew il-*gas*. Sostna li huwa ma kellux cans jieqaf ghaliex il-vann qabad u hareg bir-*reverse.* Spjega li huwa ma setax jarah lil tal-vann ghax kien go dahla ohra. Spjega li huwa spicca mahbut ma' vettura pparkjata li kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq, ghaliex ir-rota tal-passiggier illokjat, resqet lura, giet mal-*body*, daret 'il gewwa u regghet marret.

Ikkonferma li huh lahaq ghadda qabel ma' hareg il-vann minn go dak l-isqaq. Spjega li *speed* dicenti ghalih ifisser 40 jew 50 kilometru s-siegha.

Mill-atti tal-inkjesta li giet miftuha in konnessjoni ma' dan il-kaz, irrizultaw s-segwenti mir-rapporti tal-esperti pprezentati:

i. Dottor Mario Scerri ezamina l-griehi sofferti minn Maria Zammit, li kienu ta' natura gravi u kompatibbli ma' *blunt trauma*. Spjega li mbaghad, il-kondizzjoni ta' Maria Zammit tjiebet, u eventwalment giet licenzjata mill-Isptar Mater Dei.

ii. Perit Richard Aquilina pprezenta rapport tieghu wara li sema' x-xhieda. Anthony Brignone xehed li hu sid il-vettura SFD 225, u li din kienet ipparkjata qrib il-bankina. Spjega li habib tieghu nfurmah li sehh incident u ntlaqtet il-karozza tieghu. Xhin mar fuq il-post, sab vettura Volkswagen Polo mahbuta mal-genb ta' wara lemin tal-karozza tieghu, u osserva li dik kienet trikkbet wisa' ta' nofs *tyre* fuq il-bankina. Glenn Cutajar xehed wara li nghata s-solita twissija, u wara li kkonsulta mal-Avukat Arthur Azzopardi, fejn kien stqarr li hu u huh kienu sejrin bil-karozzi biex jahsluhom, u li huh kien qed isuq fuq quddiem. Spjega li f'hin minnhom, hareg van zghir b'lura minn go Triq Salvu Pulis, fejn hemm il-mechanic 'Wistin', ma tahx cans jibbrejkja, habat, infethu l-*airbags*, u ma setax jara. Spjega li wara dan, baqa' sejjer u habat ma' karozza ohra Mitsubishi li kienet ipparkjata. Spjega li huh dawwar il-karozza u pparkja fejn kien habat hu, izda meta waslu l-Pulizija, huh gie ordnat jipparkja fuq in-naha l-ohra. Spjega li vicin il-vann Maruti, ra mara fl-art. Spjega li l-karozza kienet ta' missieru, u li ilu jsuq minn Ottubru 2014. Quddiem l-istess perit, xehed Clive Cutajar li qal li huwa kien qed isuq il-vettura lejn Bormla, u warajh kien hemm huh, Glenn. Spjega li minn gol-mera, ra lil huh jitkaxkar u jahbat ma' RVR li kienet ipparkjata mal-bankina. Spjega li hu waqqaf u dawwar ghal fejn kien hemm huh, u ra van qrib arblu, u mara fl-art magenb iz-*zebra crossing*. Spjega li huh qallu li l-vann kien hareg b'lura mit-trejqa 'Ta' Wistin'. Sostna li huma x'aktarx kienu qed isuqu mhux aktar minn 60 kilometru fis-siegha. Il-Perit sema' wkoll ix-xhieda ta' Pacifico Zammit, wara li dan inghata s-solita twissija, li sosnta li joqghod fi Sqaq Berqi, u kien qed isuq fid-direzzjoni lejn Bormla. Spjega li hu waqaf qabel iz-*zebra crossing*, hares quddiem u wara, u kif ra li ma kinux gejin karozzi qabad isuq b'lura biex jidhol gol-isqaq. Spjega li meta kien ghoddu dahal gol-isqaq, laqtu wiehed u tefghu fin-naha l-ohra tat-triq. Spjega li mad-daqqa, hu nehha c-cintorin u hareg jara fejn kienet il-mara mixhuta ma' l-art.

iii. Vincent Ciliberti pprezenta r-relazzjoni tieghu li fih elenka l-konkluzzjonijiet tieghu.
iv. Dottor Martin Bajada pprezenta r-relazzjoni tieghu.
v. Joseph Zammit ukoll ipprezenta r-relazzjoni tieghu.
vi. Is-SOCO pprezenta wkoll relazzjoni tieghu konsistenti f'sett ta' ritratti mehuda fuq is-sit fejn sehh l-incident.

Gie pprezentat ukoll affidavit ta' Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta, li fih gie ndikat li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAN 783, tal-marka Maruti Omni ta' kulur griz, hija rregistrata fuq Pacifico Zammit, sa mill-24 ta' April 1995, mentri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FCD 873, tal-marka Volkswagen Polo ta' kulur silver, hija rregistrata fuq Stephen Cutajar sa mis-26 ta' Lulju 2013. Spjega li l-licenzji ta' dawn il-vetturi, kif ukoll il-licenzja ta' sewqan ta' Pacifico Zammit, fit-22 ta' Novembru 2014, kienet imhallsa.

Gie pprezentat affidavit ta' Dottor David Grima, li kkonferma li ezamina lil Mary Zammit, u li l-griehi li soffriet kienu ta' natura gravi, salv kumplikazzjonijiet. Spjega li din kienet fil-periklu tal-mewt.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti qieset il-provi kollha li tressqu.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqies li rrizulta li Pacifico Zammit ghamel manuvra b'lura fi Triq tal-Labour, Haz Zabbar, biex jidhol fi Sqaq Berqi, fejn jirrissjedi. Sabiex saret din il-manuvra, Pacifico Zammit kellu jaqsam il-karreggjata b'lura, b'sogru ta' traffiku fiz-zewg direzzjonijiet. In fatti, l-van instaq b'lura lejn il-karreggjata tan-naha tax-xellug, minn fejn tinstab ezisteneti iz-*zebra crossing*, sabiex qasam mill-karreggjata tax-xellug ghall-karreggjata tal-lemin, sabiex l-istess van jiddahhal b'lura go Sqaq Berqi, li jinsab ezatt quddiem l-inkrocju ta' Triq Salvu Pulis. Dan irrizulta ben evidenti, mill-konstatazzjonijiet li ghamlu d-diversi esperti mahtura fl-inkjesta magisterjali, u liema hatra wkoll giet ikkonfermata f'dawn il-proceduri. Din il-manuvra holqot periklu, kemm ghax-xufier li jkun qed jaghmel tali manuvra, u kif ukoll ghas-sewwieqa tal-vetturi li jkunu qeghdin isuqu fuq iz-zewg karreggjati opposti.

Kif jirrizulta minn dak li anke gie kkonstatat fuq il-post mill-esperti nkarigati fl-inkjesta, distanza qasira minn fejn twettqet din il-manuvra, kien hemm *roundabout*, u ghalhekk Pacifico Zammit seta' liberalment, imur idur maghha sabiex jaccedi fi Sqaq Berqi.

Il-Qorti tirrileva wkoll li meta mqabbla l-verzjonijiet moghtija mix-xhieda waqt il-gbir tal-provi fl-inkjesta, u mill-gbir tal-provi waqt din il-procedura, kif ukoll meta fliet ir-ritratti mehudin u pprezentati fl-atti tal-inkjesta magisterjali, jirrizulta li dak li sehh kien, li Pacifico Zammit kien qieghed jaghmel manuvra perikoluza ta' *reverse*, fejn kien qed jipprova jaqsam zewg karreggjati ta' *main road* b'mod orizzontali, biex minn *side street* jmur ghal *side street* ohra li kien hemm faccata. Din il-manuvra holqot sitwazzjoni ta' emergenza subitanja, u minkejja li Glenn Cutajar ipprova jevita l-impatt, sehhet xorta wahda l-kollizzjoni li fiha nfethu l-*airbags* tal-vettura, u l-istess vettura baqghet sejra sakemm habtet f'vettura pparkjata fuq in-naha l-ohra tal-karreggjata, u distanza ta' madwar 80 metru 'l boghod mill-vann misjuq minn Pacifico Zammit.

Il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tal-fatt li fejn sehh l-incident, huwa f'parti ta' triq li hija pjuttost dritta, u ghalhekk, ix-xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FCD 873, kellu vizjoni fit-tul. Fejn sehh l-incident, kien hemm ukoll *zebra crossing*, u ghalhekk dik il-parti tat-triq kienet titlob kawtela da parti tas-sewwieqa. Il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tal-fatt li l-vettura FCD 873, spiccat mahbuta ma' vettura ohra, li nonostante li kienet ipparkjata mal-bankina, giet mtella' b'nofs il-hxuna tat-*tyre* fuq il-bankina. In oltre, din l-istess vettura FCD 873 spiccat f'distanza konsiderevoli minn fejn twettqet il-habta ta' madwar 80 metru. Dawn il-fatturi kollha huma indikattivi ta' sewqan eccessiv da parti tax-xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FCD 873. Madanakollu, jibqa' l-fatt li kien tort tal-manuvra azzardata u perikoluza ta' Pacifico Zammit, li sehh dan l-incident, stante li Glenn Cutajar gie rinfaccat fil-karreggjata tieghu b'vettura li kienet qed tinstaq bir-*reverse*, u li kienet taghlaq l-istess karreggjata b'mod orizzontali.

Il-kawza prossima ta' dan l-incident kienet proprju din il-manuvra ta' Pacifico Zammit. In fatti, din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li Pacifico Zammit kien traskurat fis-sewqan tieghu, ghaliex huwa ttenta jaghmel manuvra straordinarja ta' *reverse* minghajr ma zamm *a proper lookout* ghal dak li kien hemm madwaru, kif ukoll ikkreja perikolu ghas-sewwieqa l-ohra li kienu qed jutilizzaw l-istess triq, bil-konsegwenza li sehh dan l-incident. Il-Qorti jidrilha li Pacifico Zammit

kellu jezercita aktar prudenza fis-sewqan tieghu, u kellu addirittura jevita li jaghmel tali manuvra. Il-Qorti izda, jidrilha wkoll li kien hemm negligenza kontributorja' da' parti tas-sewwieq Glenn Cutajar, stante li kif già gie osservat u senjalat, dan kien ghaddej b'velocità aktar milli kien imissu f'dawn l-akwati. Dan l-element ta' negligenza kontributorja ser jittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' piena. Dana qed jinghad peress li kif inhu ben stabbilit ukoll fid-dottrina u fil-gurisprudenza, in-negligenza kontributorja mhux necessarjament tezonera lill-imputat, li xorta ghandu jirrispondi ghall-agir tieghu, jekk dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni li tkun il-kawza prossima tas-sinistru. F'dak il-kaz, u cioè jekk tirrizulta n-negligenza kontributorja, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi mposta (Vide Pulizija vs Christopher Siegersma, deciza fit-12 ta' Lulju 2007, mill-Qorti tal-Appell Kriminali).

Il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li s-sewqan ta' Pacifico Zammit kien wiehed mhux biss traskurat, izda wkoll perikoluz, u dana fid-dawl tal-insenjamenti nostrana. Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan, huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Intqal f'dan ir-rigward li:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tarregolamenti tat-traffiku kif ukoll in-nonosservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li filkaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u lpresenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel…*
>
> *… Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' …li giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye'... Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri*

*stradali (Vide Pulizija vs Michael Grech deciza f'l-20 ta' Frar 2007 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali u l-gurisprudenza hemm kwotata)."*

Illi fir-rigward tal-griehi sofferti minn Maria Zammit, il-Qorti tinnota li x-xhieda li gejjin mill-qasam mediku, jaghmlu riferenza ghall-fatt li l-parti leza sofriet griehi ta' natura gravi. Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

Il-Qorti tinnota li jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda mismugha minnha, li l-griehi sofferti minn Zammit, kienu griehi ta' natura gravi (Art 216(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi rrizulta li b'konsegwenza tal-incident, il-vittma ghadha sa llum issofri minn dizabilità permanenti, tant li skont ix-xhieda moghtija minnha stess, ghadha thoss l-ugigh, u per konsegwenza ta' dan l-incident, ghadha timxi b'bastun. Illi ghalhekk, mill-provi prodotti jirrizulta li b'konsegwenza ta' dan l-incident, il-vittma garrbet dizabilità permanenti. Ghalhekk, in-natura tal-griehi sofferti taqa' fil-parametri tal-Artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar it-tieni imputazzjoni, irrizulta li l-vettura proprjetà ta' Stephen Cutajar, sar survey taghha, u rrizulta li din kellha tigi *scrapped,* u kellha valur qabel l-incident ta' €6,000. (Vide Dok JC1 ezebit minn John Callus).

Ghal finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat kemm l-element ta' kontributorjetà da parti tas-sewwieq Glenn Cutajar, u kif ukoll, wara li qieset il-fatti kollha cirkondanti dan l-incident, inkluz li l-vittma ta' dan l-incident, li hija proprju mart Pacifico

Zammit. Tasal ghalhekk ghal konkluzjoni li piena pekunjarja tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 216(1)(a)(ii), 218(1)(a), 226(1)(a), 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Pacifico Zammit hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu; qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf Ewro (€1000), u ghal tliet xhur sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.**

**Wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas is-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000) lill-parti leza, Stephen Cutajar.**

**Finalment, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti, is-somma ta' elfejn, sitt mija u tliet mitt Ewro u hamsa u sittin centezmu (€ 2,603.65c), in konnessjoni mal-ispejjez peritali inkorsi fl-inkjesta magisterjali, li tifforma parti minn dawn l-atti.**

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur